

**MT**

**MT**

**MT**



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.9.2010  
KUMM(2010) 467 finali

2010/0244 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar tal-Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

**MT**

**MT**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

L-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jipprovdi għal liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċi agrikolu bejn il-Partijiet Kontraenti. Għal dak il-fini, il-Partijiet għandhom jagħmlu, f'intervalli ta' sentejn, reviżjonijiet tal-kundizzjonijiet tal-kummerċi fi prodotti agrikoli u jiddeċċiedu, fil-qafas ta' dan il-ftehim, fuq bażi preferenzjali, bilaterali jew multilateral, reċiproka u ta' beneficiju għal xulxin, dwar aktar tnaqqis ta' kull xorta ta' ostakli għall-kummerċ fis-settur agrikolu.

L-aħħar ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Komunità Ewropea bbażat fuq l-Artikolu 19 tal-Ftehim taż-ŻEE kien daħal fis-seħħ fl-Lulju 2003. Kien magħmul minn arranġamenti għal kummerċi reċiproku fil-ġobon u minn konċessjonijiet reċiproċi għal varjetà ta' prodotti agrikoli, inklużi kwoti ta' tariffi.

Din il-proposta hija r-riżultat ta' negozjati dwar kummerċi bilaterali fl-agrikoltura, li kienu saru minn Marzu 2008 sa Jannar 2010. L-arranġament jipprovdi għal aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċi agrikolu. Il-preferenzi l-ġoddha għandhom jikkonsistu f'liberalizzazzjoni addizzjonali sħiħa għal xi prodotti sensittivi, biex b'hekk jitħalla jkun hemm ħieles għalkollox madwar 60 % tal-kummerċi agrikolu bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea. Għal prodotti aktar sensittivi bħal laħam, ħalib, frott, ħaxix u pjanti ornamenti, intlaħaq ftehim dwar kwoti ta' tariffi jew tnaqqis ta' tariffi. Hemm previsti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-amministrazzjoni ta' kwoti ta' rati ta' tariffi għall-ġobon.

### **2. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

L-istima tat-telf ta' dħul finanzjarju mid-dwana hija ta' madwar 4.96 miljun ewro (ammont nett wara t-taqqis tal-ispejjeż tal-ġbir).

Abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tiproponi li l-Kunsill jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett li jkun konkluż.

Proposta għal

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffimar tal-Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jipprevedi li l-partijiet kontraenti jinrabtu li jissoktaw bl-isforzi tagħhom bil-għan li jiksbu liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċi agrikolu ta' bejniethom.
- (2) F'Settembru 2005 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati man-Norveġja bil-għan li tinkiseb liberalizzazzjoni akbar tal-kummerċi bilaterali fi prodotti agrikoli, fil-qafas tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. In-negozjati ntemmu b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim għandu jkun iffirms f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett li jkun konkluż f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

### *Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Ftehim fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli, milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Ftehim li għandu jkun iffirms huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tkun adottata.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNESS

### IL-FTEHIM

#### **fil-forma tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli milħuq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

##### *A. Ittra mill-Unjoni Ewropea*

Sinjur,

Għandi l-unur nagħmel referenza għan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kummerċ bilaterali fl-agrikoltura, li kienu konklużi fit-28 ta' Jannar 2010.

Kien hemm sensiela ġdida ta' negozjati dwar il-kummerċ agrikolu bejn il-Kummissjoni Ewropea u n-Norveġja abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE), bil-għan li jkun hemm aktar liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ agrikolu bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja (il-Partijiet), fuq bażi preferenċjali, reċiproka u ta' beneficiju għal xulxin. In-negozjati tmexxew b'ordni, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-evoluzzjoni ta' politiki agrikoli u ċirkustanzi rispettivi, inkluża l-evoluzzjoni tal-kummerċ bilaterali, kif ukoll kundizzjonijiet ta' kummerċ ma' msieħba fil-kummerċ madwar id-dinja.

Jiena b'dan nikkonferma li r-riżultati tan-negozjati kienu dawn li ġejjin:

1. In-Norveġja taċċetta li tagħti aċċess ħieles mid-dazju lil prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, elenkti fl-Anness I.
2. In-Norveġja taċċetta li tistabbilixxi kwoti ta' tariffi għal prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, elenkti fl-Anness II.
3. In-Norveġja taċċetta li tnaqqas id-dazji ta' importazzjoni fuq prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, elenkti fl-Anness III.
4. L-Unjoni Ewropea taċċetta li tagħti aċċess ħieles mid-dazju lil prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, elenkti fl-Anness IV.
5. L-Unjoni Ewropea taċċetta li tistabbilixxi kwoti ta' tariffi għal prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, elenkti fl-Anness V.
6. Kodiċijiet ta' tariffi li jinsabu fl-Annessi I sa V jirreferu għal dawk applikabbli għall-Partijiet fl-1 ta' Jannar 2009.
7. Kull darba fil-ġejjeni li jkun implementat ftehim dwar l-agrikoltura tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) b'impenji għal kwoti ta' tariffi ġodda għal nazzjonijiet l-aktar iffavoriti, il-kwoti bilaterali ta' tariffi għan-Norveġja fuq laħam tal-majjal ta' 600 tunnellata, laħam tat-tajr ta' 800 tunnellata u laħam taċ-ċanga ta' 900 tunnellata, kif ipprovdut fl-Anness II, għandhom jitneħħew gradatament skont l-istess proċedura bħalma kienu ddaħħlu gradatament il-kwoti tad-WTO li jkopru l-istess prodotti.

8. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsolidaw, malajr kemm jista' jkun, il-konċessjonijiet bilaterali kollha (dawk diġà eżistenti u dawk previsti f'dan l-Iskambju ta' Ittri) fi Skambju ta' Ittri ġdid, li għandu jissostitwixxi l-ftehimiet agrikoli bilaterali eżistenti.
9. Ir-regoli ta' oriġini bil-għan li jkunu implementati l-konċessjonijiet imsemmijin fl-Anness I sa V jinsabu fl-Anness IV għall-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992. Iżda l-Anness II għall-Protokoll 4 tal-Ftehim ŻEE għandu jkun applikat minflok l-Appendiċi għall-Anness IV għall-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992.
10. Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-benefiċċi li huma jagħtu lil xulxin ma jkunux ipperikolati minn miżuri ta' importazzjoni restrittivi oħra.
11. Il-Partijiet jaqblu li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwoti ta' tariffi jiġu amministrati b'mod li jkunu jistgħu jsiru importazzjonijiet regolarmen u li l-kwantitatijiet miftiehma għall-importazzjoni jkunu fil-fatt jistgħu jiġi importati.
12. Il-Partijiet jaqblu li jistinkaw biex jippromwovu l-kummerċ ta' prodotti b'indikazzjoni ġeografika. Il-Partijiet jaqblu li jidħlu f'aktar diskussionijiet bilaterali bil-għan li jifhem aħjar proċeduri ta' leġiżlazzjoni u reġistrazzjoni rispettivi, biex jidher modi li jsaħħu l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi rispettivi fit-territorji taż-żewġ Partijiet u għandhom jaħsbu dwar il-possibbiltà li jidħlu fi ftehim bilaterali għal dak il-għan.
13. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw f'intervalli regolari informazzjoni dwar prodotti fil-kummerċ, amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi, kwotazzjonijiet ta' prezzi u kull informazzjoni siewja dwar is-swieq domestiċi rispettivi u l-implementazzjoni tar-riżultati ta' dawn in-negożjati.
14. Għandhom jinżammu konsultazzjonijiet meta jintalbu minn parti jew oħra dwar kull kwistjoni b'rabta mal-implimentazzjoni tar-riżultati ta' dawn in-negożjati. F'każ ta' diffikultà fl-implimentazzjoni tar-riżultati ta' dawn in-negożjati, dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jinżammu fil-pront kemm jista' jkun, bil-għan li jkunu adottati miżuri korrettivi xierqa.
15. Il-Partijiet jinnotaw li l-awtoritajiet tad-dwana Norveġiżi biħsiebhom jirrevedu l-istruttura tal-Kapitolu 6 dwar it-tariffa tad-dwana Norveġiża. Għandhom jinżammu konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea jekk din ir-reviżjoni tinfluwenza l-preferenzi bilaterali. Il-Partijiet jaqblu li dan għandu jkun eżerċizzju tekniku.
16. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE li jkomplu bl-isforzi tagħhom bil-għan li jiksbu liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ agrikolu. Għal dan il-ġan, il-Partijiet jaqblu li fi żmien sentejn jagħmlu reviżjoni ġidida tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ fi prodotti agrikoli, bil-għan li jesploraw il-possibbiltà ta' konċessjonijiet.
17. Fir-rigward tal-kwota ta' tariffi kurrenti ta' 4500 tunnellata ġobon għal importazzjoni fin-Norveġja, il-Partijiet jaqblu li l-amministrazzjoni kurrenti ta' din il-kwota ta' tariffi bbażata fuq drittijiet storiċi u fuq il-prinċipju ta' operaturi ġoddha għandha, mill-2014, tkun sostitwita b'sistema ta' amministrazzjoni minbarra l-bejgħ fi rkant, bħal liċenzjar jew b'sistema ta' jinqeda min jiġi l-ewwel, li għaliha għandhom ikunu stabbiliti modalitajiet minn awtoritajiet Norveġiżi wara konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea bil-għan li jkun hemm qbil reċiproku, biex ikun żgurat li l-

kwoti ta' tariffi jkunu amministrati b'mod li jkunu jistgħu jsiru importazzjonijiet b'mod regolari, u li l-kwantitajiet miftiehma għall-importazzjoni jkunu fil-fatt jistgħu jiġi importati. L-amministrazzjoni kurrenti abbażi ta' lista ta' ġobon, kif imsemmija fl-Iskambju ta' Ittri tal-11 ta' April 1983, għandha titneħħa .

Dwar l-amministrazzjoni tal-kwota ta' tariffi l-ġdida ta' 2700 tunnellati ta' ġobon għal importazzjoni fin-Norveġja, il-Partijiet jaqblu li din għandha taqa' taħt sistema ta' bejgħ fi rkant. L-amministrazzjoni ta' bejgħ fi rkant għandha tkun riveduta kif stipulat fil-paragrafi preċedenti. B'mod partikulari għandhom ikunu vvalutati l-mili tal-kwoti u t-tariffi għal bejgħ fi rkant.

Il-kwoti ta' tariffi ta' 7200 tunellata ġobon għal importazzjoni fl-Unjoni Ewropea u fin-Norveġja għandhom japplikaw għal kull xorta ta' ġobon.

18. F'każ ta' aktar tkabbir tal-UE, il-Partijiet għandhom jivvalutaw l-impatt fuq il-kummerċ bilaterali, bil-għan li jadattaw preferenzi bilaterali b'mod li l-flussi ta' kummerċ preferenzjali eżistenti minn qabel bejn in-Norveġja u l-pajjiżi tal-adeżjoni jkunu jistgħu jissoktaw.

Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħi fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.

Għandi l-unur nikkonferma li l-Unjoni Ewropea taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Nkun grat jekk tista' tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek ma' dan ta' hawn fuq.

Dejjem tiegħek.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Unjoni Ewropea,  
F'isem il-Kunsill tal-UE*

## **ANNESS I GĦALL-FTEHIM**

Aċċess ħieles mid-dazju, għal importazzjonijiet fin-Norveġja ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea

Tariffa tad-dwana Norveġiża	Deskrizzjoni
<b>Kapitolu 01: Annnimali ħajjin</b>	
<b>0106</b> 0106.39.10	<b>Annnimali oħra ħajjin</b> Faġani
<b>Kapitolu 02: Laħam u ġewwieni ta' annimali jittiekel</b>	
<b>0208</b> 0208.90.60	<b>Laħam ieħor u ġewwieni tal-laħam li jittiekel, frisk, imkessaħ jew iffriżat</b> Saqajn taż-żringiġiet
<b>Kapitolu 05: Prodotti li joriġinaw minn annnimali, mhux spċifikati jew inklużi band'oħra</b>	
<b>0511</b> 0511.99.21 0511.99.40	<b>Prodotti ta' annnimali mhux spċifikati jew inklużi band'oħra; annnimali mejtin tal-Kapitolu 1 jew 3, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem</b> Trab tad-demm, mhux tajjeb biex jittiekel mill-bniedem, minbarra bħala għalf Laħam u demm, minbarra bħala għalf
<b>Kapitolu 06: Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom: fjuri maqtugħin u weraq ornamenti</b>	
<b>0601</b> 0601.10.01 0601.10.02 0601.10.09 0601.20.00	<b>Basal, tuberi, għeruq ta' tuberi, basal tal-qasab, klil u riżomi, reqdin, qed jikbru jew bil-fjura; pjanti taċ-ċikwejra (<i>Cochorium intybus</i>) u għeruq minbarra għeruq tal-intestatura 12.12.</b> Basal u tuberi għall-ortikultura Għeruq ta' tuberi, basal tal-qasab, klil u riżomi għall-finijiet ta' ortikultura Oħrajn Basal, tuberi, għeruq ta' tuberi, basal tal-qasab, klil u riżomi, qed jikbru jew bil-fjura; pjanti taċ-ċikwejra ( <i>Cochorium intybus</i> ) u għeruq
<b>0602</b> 0602.10.10 0602.10.22 0602.10.23 0602.10.91 0602.10.92 0602.20.00 0602.30.11 0602.30.12 0602.30.90	<b>Pjanti oħra ħajjin (inklużi l-għeruq tagħhom), tirqid u żabriet; miċelju tal-faqqiegħ</b> Tirqidiet mingħajr ghorejjeq jew <i>in vitro</i> , ta' pjanti jħaddru mill-15 ta' Diċembru sat-30 ta' April, għall-finijiet ta' ortikultura, Tirqidiet mingħajr ghorejjeq jew <i>in vitro</i> , ta' Saintpaulia (violetta Afrikana), Scaevola u Streptocarpus, għall-finijiet ta' ortikultura, Tirqidiet mingħajr ghorejjeq jew <i>in vitro</i> , ta' Dendranthema x grandiflora (margerita żgħira) u Krisantema (l-lexx) x morifolium (Krisantema (l-lexx)), mill-1 ta' April sal-15 ta' Ottubru, għall-finijiet ta' ortikultura, Tirqidiet oħra mingħajr ghorejjeq minbarra tirqidiet mingħajr ghorejjeq jew <i>in vitro</i> għall-finijiet ta' ortikultura Żabriet Siġar, sġajriet u buxis, mlaqqmin jew le, ta' xorta li jagħmlu frott jew ġewż li jittieklu Ażelja ta' ġod-dar ( <i>Azalea indica</i> , <i>Rhododendron simsii</i> , <i>Rhododendron indicum</i> ), mlaqqma jew le, qed tagħmel il-fjur Ażelja ta' ġod-dar ( <i>Azalea indica</i> , <i>Rhododendron simsii</i> , <i>Rhododendron indicum</i> ), mlaqqma jew le, mhux qed tagħmel il-fjur, mill-15 ta' Novembru sat-23 ta' Diċembru Rododentri u ażelji, mlaqqmin jew le, minbarra ażelja ta' ġod-dar ( <i>Azalea indica</i> , <i>Rhododendron simsii</i> , <i>Rhododendron indicum</i> )

0602.90.20	Stokkijiet
0602.90.30	Buxus, Dracaena, Kamelja, Awrikarja, Ileks ( <i>Ilex</i> ), Rand ( <i>Laurus</i> ) Kalmja, Manjolja, palm ( <i>Palmae</i> ), Hamamelis ('witch-hazel'), awkuba ( <i>Aucuba</i> ), Peris, prajn iżraq ( <i>Pyracantha</i> ) u Stranvaesia, b'għeruq bil-ballu tal-ħamrija jew mezzi ta' kultura mħejjija oħra
0602.90.41	Sigār u buxis, minbarra dawk imsemmijin hawn fuq, b'għeruq bil-ballu tal-ħamrija jew mezzi ta' kultura mħejjija oħra
0602.90.42	Pjanti perenni, b'għeruq bil-ballu tal-ħamrija jew mezzi ta' kultura mħejjija oħra
0602.90.50	Pjanti jħaddru fi qsari mill-15 ta' Diċembru sat-30 ta' April, ukoll meta importati bħala parti minn gruppī mħalltin ta' pjanti, b'għeruq bil-ballu tal-ħamrija jew mezzi ta' kultura mħejjija oħra
0602.90.80	Oħrajn, mingħajr għeruq bil-ballu tal-ħamrija jew mezzi ta' kultura mħejjija oħra
<b>0604</b>	<b>Faxxina, friegħi u partijiet oħra ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, ħażiż u likeni, li jkunu ta' xorta adatta għal bukketti jew għal finijiet ta' tiżżeen, friski, mnixxfin, mogħtijin il-kulur, ibbliċjati, mimljen jew imħejjija mod ieħor</b>
0604.10.00	Ħażiż u likeni
0604.91.91	Felċa tal-ġinko ( <i>Adiantum</i> ) u asparagu ( <i>Asparagus</i> ) mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju, friski
0604.91.92	Sigār tal-Milied, friski
0604.91.99	Faxxina friska, friegħi u partijiet oħra ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, li jkunu ta' xorta adatta għal bukketti jew għal finijiet ta' tiżżeen, minbarra Felċa tal-ġinko ( <i>Adiantum</i> ), asparagu ( <i>Asparagus</i> ) u sigār tal-Milied
0604.99.00	Faxxina, friegħi u partijiet oħra ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, li jkunu ta' xorta adatta għal bukketti jew għal finijiet ta' tiżżeen, minbarra friski

#### Kapitolu 07: Ħxejjex li jittieklu u ċerti għeruq u tuberi

<b>0703</b>	<b>Basal, basal li jikber f'għenieqed (<i>Allium</i>, 'shallot')', tewm, kurrat u ħxejjex oħra ta' pjanti tal-basal u <i>allia</i> (tewm), friski jew imkessħin</b>
ex 0703.90.01	Kurrat mill-20 ta' Frar sal-31 ta' Mejju, frisk jew imkessaħ
<b>0704</b>	<b>Kaboċċi, pastard, ġidra, brokkli u kaboċċi (<i>Brassica</i>) simili li jittieklu, friski jew imkessħin</b>
0704.10.50	Brokkli bir-ras, friski jew imkessħin
0704.90.60	Kaboċċa Ċiniża, friska jew imkessħa
0704.90.94	Kaboċċa ta' Milan ( <i>Brassica oleracea</i> ) mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Novembru, friska jew imkessħa
0704.90.96	Brokkli tan-nokkli mill-1 ta' Awwissu sat-30 ta' Novembru, friski jew imkessħin
<b>0705</b>	<b>Ħass (<i>Lactuca sativa</i>) u ċikwejra (<i>Cichorium spp.</i>), friski jew imkessħin</b>
0705 29 11	Indivja mill-1 ta' April sat-30 ta' Novembru, friska jew imkessħa
0705 29 19	Ċikwejra ( <i>Cochorium intybus</i> ), minbarra ċikwejra tal-weraq wesgħin, u indivja, mill-1 ta' April sat-30 ta' Novembru, friski jew imkessħin
<b>0708</b>	<b>Ħxejjex tal-familja tal-legumi, bil-ħliefa jew mingħajr ħliefa, friski jew imkessħin</b>
0708.90.00	Ħxejjex oħra tal-familja tal-legumi mhux fażola u piżelli, friski jew imkessħin
<b>0709</b>	<b>Ħxejjex oħra, friski jew imkessħin</b>
ex 0709.40.20	Karfus, minbarra xorta ta' krafes, mill-15 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju, frisk jew imkessaħ
0709.70.10	Spinaċi, Spinaċi ta' New Zealand u Spinaċi salvaġġa tal-kċina ( <i>Atriplex hortensis</i> ) (spinaċi tal-ġnien) mill-1 ta' Mejju sat-30 Settembru, friski jew imkessħin
<b>0710</b>	<b>Ħxejjex (mhux imsajrin jew imsajrin fuq il-fwar jew mgħollijin), iffriżati</b>
0710.30.00	Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi salvaġġa tal-kċina ( <i>Atriplex hortensis</i> ) (spinaċi tal-ġnien), iffriżata

0710.80.10	asparagu ( <i>Asparagus</i> ) u qaqoċċ ( <i>Cynara cardunculus</i> ), iffriżati
0710.80.40	Faqqiegħ, iffriżat
0710.80.94	Brokkli bir-ras, iffriżati
<b>0712</b>	<b>Ħxejjex imnixxfin, sħaħ, maqtugħin, mqattgħin ftiet, mfarrkin jew magħmulin trab, iżda mingħajr aktar tħejjija</b>
0712.20.00	Basal, mnixxef
0712.31.00	Faqqiegħ tal-ġenuss <i>Agaricus</i> , mnixxef
0712.32.00	Xorta ta' fungu li jittiekel ('Wood ears') ( <i>Auricularia spp.</i> ), mnixxef
0712.33.00	Fungi qishom tal-ġeli ( <i>Tremella spp.</i> ), mnixxfin
0712.39.01	Tartufi, mnixxfin
0712.39.09	Faqqiegħ ieħor imnixxef, minbarra tal-ġenuss <i>Agaricus</i>
<b>0713</b>	<b>Ħxejjex imnixxfin tal-familja tal-legumi, bil-ħliefa, kemm jekk imqaxxrin jew maqsumin jew le<sup>1</sup></b>
0713.31.00	Fażola tal-ispeċi ta' <i>Vigna mungo</i> (L.) 'Hepper' jew <i>Vigna radiata</i> (L.) <i>Wilczek</i> , mnixxa u bil-qoxra
0713.32.00	Fażola ('Adzuki') ħamra żgħira ( <i>Phaseolus</i> jew <i>Vigna angularis</i> ), mnixxa u bil-qoxra
0713.33.00	Fażola kidnija, inkluża fażola sħiħa bajda ( <i>Phaseolus vulgaris</i> ), mnixxa u bil-qoxra
0713.39.00	Fażola mnixxa u bil-qoxra, minbarra fażola tal-ispeċi ta' <i>Vigna mungo</i> (L.) 'Hepper', <i>Vigna radiata</i> (L.) <i>Wilczek</i> , fażola ('Adzuki') ħamra żgħira ( <i>Phaseolus</i> jew <i>Vigna angularis</i> ) u fażola kidnija, inkluża fażola sħiħa bajda ( <i>Phaseolus vulgaris</i> )
0713.90.00	Ħxejjex imnixxfin u bil-ħliefa tal-familja tal-legumi, minbarra piżelli, ċiċri, ful, għażż, ful u ful komuni raff għall-għalf taż-żwiemel
<b>0714</b>	<b>Manjoka, ararut, salep (weraq niexef ta' orkidji), artiċokks (<i>Helianthus tuberosus</i>), patata ġelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, mkessħin, iffriżati jew imnixxfin, kemm jekk maqtugħin fetet jew fl-ġħamla ta' pritkuni jew le, Ibieba tas-sago</b>
0714.10.90	Manjoka (kassava), minbarra bħala għalf
0714.20.90	Patata ġelwa, minbarra bħala għalf
<b>Kapitolu 08: Frott u ġewż li jittieklu; qoxra tal-frott taċ-ċitru u bettieħ</b>	
<b>0802</b>	<b>Ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, kemm jekk bil-qoxra jew imqaxxar</b>
0802.40.00	Qastan ( <i>Castanea spp.</i> ), frisk jew imnixxef
0802.50.00	Pistaċċi, friski jew imnixxfin
0802.60.00	Ġewż tas-siġra tal-ġenuss <i>Macadamia</i> , frisk jew imnixxef
0802.90.10	Ġewż pekan, friski jew imnixxef
0802.90.99	Ġewż ieħor mhux lewż, ġellewż ('hazelnuts') jew ġellewż ('filiberts', <i>Corylus maxima</i> ), ġewż ('ġewż 'Juglans' ('walnuts'), pistaċċi tal-qastan, ġewż tas-siġra tal-ġenuss <i>Macadamia</i> , ġewż pekan u qlub tal-ġewż tal-arżnu, friski jew mnixxfin
<b>0804</b>	<b>Tamal, tin, ananas, avokados, gwavas, mangi u mangostani, friski jew mnixxfin</b>
0804.10.00	Tamal, friski jew imnixxef
0804.20.10	Tin, friski
0804.50.01	Gwavas, friski jew imnixxfin

<sup>1</sup>

Dawn il-prodotti jkunu importati ħielsa mid-dazju. Madankollu n-Norveġja tirriżerra d-dritt li ddaħħal dazju jekk il-prodotti jkunu importati għal skopijiet ta' għalf.

0804.50.02	Mangi, friski jew imnixxfin
0804.50.03	Mangostani, friski jew imnixxfin
<b>0805</b>	<b>Frott taċ-ċitru, frisk jew imnixxef</b>
0805.40.90	Meraq tal-għeneb, inklużi ‘pomelos’, minbarra bħala għalf, friski jew imnixxfin
0805.90.90	Frott taċ-ċitru, frisk jew imnixxef, minbarra larinġ, mandolin ( <i>Citrus reticulata</i> ) (inklużi mandolin ('tangerines', <i>Citrus aurantium</i> ) u 'satsumas'), klementina ( <i>Citrus deliciosa var.</i> ), 'wilkins' (alias 'kinnow' jew 'kinoo') u ibridi simili taċ-ċitru, meraq tal-għeneb, inklużi ‘pomelos’, lumi u xkomp ('limes'), minbarra bħala għalf
<b>0807</b>	<b>Bettieħ (inkluż dullieħ) u pawpawiet (papajiet), friski</b>
0807.20.00	Pawpawiet (papajiet), friski
<b>0808</b>	<b>Tuffieħ, lanġas u sfarġel, friski</b>
0808.20.60	Sfarġel, friski
<b>0809</b>	<b>Berquq, ċirasa, ħawħ (inkluż nuċiprisk), għanbaqar u prun salvaġġ, friski:</b>
0809.40.60	Prun salvaġġ, friski
<b>0810</b>	<b>Frott ieħor, friski</b>
0810.20.91	Tut, friski
0810.20.99	Ċawsli u għeneb kbir aħmar ( <i>Rubus x loganobaccus</i> , 'loganberries'), friski
0810.40.90	Frott żgħir aħmar qares ('cranberries'), mirtill u frott ieħor tal-ġenusa <i>Vaccinium</i> , friski, minbarra <i>Vaccinium vitis-idaea</i> ('cowberries')
0810.60.00	'Durians' (tal-ġenusa <i>Durio</i> ), friski
0810.90.90	Frott ieħor mhux frawli, lampun, tut, ċawsli, ġheneb kbir aħmar ( <i>Rubus x loganobaccus</i> , 'loganberries', frott żgħir aħmar qares (tal-ġenusa <i>Vaccinium</i> , 'cranberries'), mirtill u frott ieħor tal-ġenusa <i>Vaccinium</i> , frott tal-kiwi, 'durians' (tal-ġenusa <i>Durio</i> ), frott lewn il-larinġ ta' għollieq il-muntanji ( <i>Rubus chamaemorus</i> , 'cloudberry'), 'ribes' ('gooseberries'), passolina sewda, passolina bajda u ħamra, friski
<b>0811</b>	<b>Frott u ġewż, mhux imsajrin jekw im-sajrin fuq il-fwar jekw mgħolljin, iffriżati, kemm jekk miżjudin biz-zokkor jekk b'sustanza li tagħti l-ħlewwa jekk le</b>
0811.90.01	<i>Vaccinium vitis-idaea</i> ('cowberries'), iffriżat
0811.90.02	Frott lewn il-larinġ ta' għollieq il-muntanji ( <i>Rubus chamaemorus</i> , 'cloudberry'), iffriżat
0811.90.04	Mirtill, iffriżat
<b>0903</b>	<b>Maté (<i>Ilex paraguayensis</i>, tè tal-Paragwaj)</b>
0903.00.00	Maté ( <i>Ilex paraguayensis</i> , tè tal-Paragwaj)
<b>0909</b>	<b>Żrieragħ tal-aniz (<i>Pimpinella anisum</i>), badjan, bużbież, kożbor karwiżit, kemmun jekw karwija, frott żgħir bla għadma tal-ġnibru ('juniper berries')</b>
0909.10.00	Żrieragħ tal-aniz ( <i>Pimpinella anisum</i> ) jekk badjan
0909.20.00	Żrieragħ tal-kożbor
0909.30.00	Żrieragħ tal-kemmuni
0909.40.00	Żrieragħ tal-karwija
0909.50.10	Bużbież
0909.50.20	Ġnibru
<b>0910</b>	<b>Ğinger, żagħfran, żagħfran tal-Indja (kurkuma (<i>Curcuma longa</i>)), sagħtar, weraq tar-rand, kari u ħwawar oħra</b>

0910.30.00	Żagħfran tal-Indja (kurkuma ( <i>Curcuma longa</i> ))
0910.91.00	Taħlitiet msemmijin fin-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 9
0910.99.90	Ħwawar oħra mhux ġinġer, żagħfran, żagħfran tal-Indja (kurkuma ( <i>Curcuma longa</i> )), taħlitiet msemmijin fin-Nota 1 (b) tal-Kapitolu 9, frott żgħir bla għadma tar-rand ('bay berries'), weraq tar-rand, żerriegħa tal-karfus u sagħtar

#### Kapitolu 10: Ċereali

<b>1008</b>	<b>Qamħ Saraċin, millieġ u milju, ċereali oħra</b>
1008.30.90	Milju, minbarra bħala għalf

#### 11 Prodotti tal-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ

<b>1104</b>	Frott taċ-ċereali raffinati xort'oħra, eż. mqaxxrin, mibrumin, sfuljati, perlati, maqtugħin fetet jew mitħunin; rhus taċ-ċereali, sħaħ, mibrumin, sfuljati jew mitħunin (esklużi dqiqli taċ-ċereali, u ross imqaxxar u mitħun jew nofsu mitħun u ross imfarrak)
1104.29.02	Ħbub oħra raffinati ta' qamħ Saraċin mhux mibrumin jew sfuljati, minbarra bħala għalf
1104.29.04	Ħbub oħra raffinati ta' millieġ mhux mibrumin jew sfuljati, minbarra bħala għalf
<b>1106</b>	Dqiqli, qamħ mitħun oħxon u trab veġetalim imnixxfin tal-familja tal-legumi tal-intestatura 0713, ta' sago ( <i>Phalaenopsis</i> ) jew ta' għeruq jew tuberi tal-intestatura 0714 jew tal-prodotti tal-Kapitolu 8
1106.10.90	Dqiqli, qamħ mitħun oħxon u trab veġetalim imnixxfin tal-familja tal-legumi tal-intestatura 07.13, minbarra bħala għalf
1106.30.90	Dqiqli, qamħ mitħun oħxon u trab tal-prodotti tal-Kapitolu 8, minbarra bħala għalf
<b>1108</b>	<b>Lamti; inulina</b>
1108.11.90	Lamtu tal-qamħ li ma jkollux lamtu tal-patata, minbarra bħala għalf
1108.12.90	Qamħiżrum (żerriegħha tal-qamħ/qamħiżrum) lamtu li ma jkollux lamtu tal-patata, minbarra bħala għalf
1108.14.90	Lamtu tal-manjoka (kassava) li ma jkollux lamtu tal-patata, minbarra bħala għalf
1108.19.10	Lamtu għall-ħasil tal-ħwejjeġ
1108.19.90	Lamtu ieħor mhux lamtu tal-qamħ, lamtu tal-qamħiżrum, lamtu tal-patata, Lamtu tal-manjoka u lamtu għall-ħasil tal-ħwejjeġ, li ma jkollux lamtu tal-patata, minbarra bħala għalf
1108.20.90	Inulina, minbarra bħala għalf
<b>1109</b>	<b>Glutina tal-qamħ, kemm jekk imnixxa jew le</b>
1109.00.90	Glutina tal-qamħ, minbarra bħala għalf

#### Kapitolu 12: Żrieragħ li minnhom jingħasar iż-żejt, u frott żejtni; frott tal-qamħ imħallat, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediciinali; tiben u għalf

<b>1207</b>	<b>Żrieragħ oħra li minnhom jingħasar iż-żejt u frott żejtni, kemm jekk imfarrkin jew le</b>
1207.50.90	Żrieragħ tal-mustarda, minbarra bħala għalf
<b>1209</b>	<b>Żrieragħ, frott u spori, ta' xorta li tintuża għaż-żergħa</b>
1209.10.00	Żerriegħha tal-pitravi
1209.91.10	Żerriegħha tal-ħjar, pastard, zunnarija, basal, basal li jikber f'għeniegħed ( <i>Allium</i> , 'shallot'), kurrat, tursin, indivja u ħass
1209.91.91	Żerriegħha tal-kaboċċi
1209.91.99	Żrieragħ ta' ħxejjex oħra mhux żrieragħ tal-ħjar, pastard, zunnarija, basal, basal li jikber f'għeniegħed ( <i>Allium</i> , 'shallot'), kurrat, tursin, indivja, ħass u kaboċċi

<b>1210</b>	<b>Koni tal-ħops, friski jew imnixxfin, kemm jekk mitħunin, magħmulin trab jew fl-għamla ta' pritkuni jew le; (trab tal-)lupulin</b>
1210.10.00	Koni tal-ħops, mhux mitħunin, mhux magħmulin trab u lanqas fl-għamla ta' pritkuni
1210.20.01	Koni tal-ħops, mitħunin, magħmulin trab jew fl-għamla ta' pritkuni
1210.20.02	(trab tal-)lupulin
<b>Kapitolu 13: Gommalakka; gomom, rażi u sugu (likwidu tal-pjanti) u estratti veġetal iħra</b>	
<b>1302</b>	<b>Loppju, oleoraża tal-vanilja, muċilaġnijiet u hwejjegħ oħra li jgħaqqu l-ikel li jiġu minn prodotti veġetal, kemm jekk modifikati jew le,</b>
1302.11.00	Loppju
1302.19.09	Sugu u estratti veġetal iħra mhux imħalltin ma' xulxin ta' estratti veġetal għall-manifattura ta' xorb jew għat-tħejjija ta' ikel, minbarra sugu u estratti ta' sabbariet, <i>Quassia amara</i> , manna, 'pyrethrū' jew tal-għeruq ta' pjanti li jkun fihom ir-'rotenone'; oleoraża tal-vanilja
<b>Kapitolu 15: Xaħmijiet u żjut tal-annimali u veġetal u l-prodotti li joħorġu minnhom; xaħmijiet li jittieku mħejjijin; xema' tal-annimali jew veġetal</b>	
<b>1502</b>	<b>Xaħmijiet tal-ifrat, nagħaq jew mogħoż, minbarra dawk tal-intestatura 15.03</b>
1502.00.90	Xaħmijiet tal-ifrat, nagħaq jew mogħoż, minbarra dawk tal-intestatura 15.03, minbarra bħala għalf
<b>1503</b>	<b>Lardu stearina, żejt tal-lardu, oleostearina, żejt 'oleo' u żejt tax-xaħam tad-dam, mingħajr emulsjoni jew mhux imħalltin jew imħejjiġin mod ieħor</b>
1503.00.00	Lardu stearina, żejt tal-lardu, oleostearina, żejt 'oleo' u żejt tax-xaħam tad-dam, mingħajr emulsjoni jew mhux imħalltin jew imħejjiġin mod ieħor
<b>1504</b>	<b>Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammali tal-baħar, kemm jekk raffinati mhux raffinati, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1504.10.20	Żjut tal-fwied tal-ħut, minbarra bħala għalf, frazzjonijiet solidi
1504.20.40	Żjut u xaħmijiet tal-ħut, u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra bħala għalf, frazzjonijiet solidi
1504.20.99	Żjut u xaħmijiet tal-ħut, u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra bħala għalf u minbarra frazzjonijiet solidi
1504.30.21	Xaħmijiet u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' mammali tal-baħar, mhux bħala għalf
<b>1505</b>	<b>Lanolin u sustanzi xahmia</b>
1505.00.00	Lanolin u sustanzi xaħmija ġejjin minnhom (inkluż il-lanolin)
<b>1506</b>	<b>Xaħmijiet u żjut oħra tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1506.00.21	Xaħam tal-ħadad, żejt tal-ħadad u żejt ta' sieq il-gendus, minbarra bħala għalf
1506.00.30	Xaħmijiet u żjut oħra tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra xaħam tal-ħadad, żejt tal-ħadad u żejt ta' sieq il-gendus, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
1506.00.99	Xaħmijiet u żjut oħra tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra xaħam tal-ħadad, żejt tal-ħadad u żejt ta' sieq il-gendus, minbarra frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
<b>1507</b>	<b>Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le (esklużi dawk modifikati kimikament)</b>
1507.90.90	Żejt tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra żejt mhux raffinat, minbarra bħala għalf
<b>1508</b>	<b>Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1508.10.90	Żejt tal-karawett mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1508.90.90	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra żejt mhux raffinat, minbarra bħala għalf

<b>1511</b>	<b>Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1511.90.20	Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
<b>1512</b>	<b>Żejt taż-żerriegħha tal-ġirasol, taż-żerriegħha tal-għosfor jew tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1512.11.90	Żejt mhux raffinat taż-żerriegħha tal-ġirasol jew tal-għosfor, minbarra bħala għalf
1512.19.90	Żejt taż-żerriegħha tal-ġirasol jew tal-għosfor u l-frazzjonijiet, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf
1512.21.90	Żejt taż-żerriegħha tal-qoton mhux raffinat, minbarra bħala għalf
1512.29.20	Żejt taż-żerriegħha tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
1512.29.99	Żejt taż-żerriegħha tal-qoton u l-frazzjonijiet tiegħu minbarra žeit mhux raffinat, minbarra frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
<b>1513</b>	<b>Żejt tal-ġewż tal-Indi, tal-qalba tal-palm jew tal-babassu u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament</b>
1513.11.90	Żejt mhux raffinat tal-ġewż tal-Indi (kopra) u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1513.19.20	Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra) u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
1513.19.99	Żejt tal-ġewż tal-Indi (kopra) u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
1513.21.90	Żejt tal-qalba tal-palm jew tal-babassu mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1513.29.20	Żejt tal-qalba tal-palm jew tal-babassu u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
1513.29.99	Żejt tal-qalba tal-palm jew tal-babassu u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
<b>1514</b>	<b>Żejt tal-lift, tal-kolza jew tal-mustarda u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament</b>
1514.19.90	Żejt tal-lift jew tal-kolza b'aċidu ewroċiku baxx u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf
1514.99.90	Żejt tal-lift, tal-kolza jew tal-mustarda u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit tal-lift jew tal-kolza b'aċidu ewroċiku baxx u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf
<b>1515</b>	<b>Xaħmijiet u żjut veġetalni oħra fissi (inkluż žeit tal-ġoġoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mhux modifikati kimikament:</b>
1515.11.90	Żejt taż-żerriegħha tal-kittien mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1515.19.90	Żejt taż-żerriegħha tal-kittien u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf
1515.21.90	Żejt mhux raffinat tal-qamħirrum (żerriegħha tal-qamħ/qamħirrum) mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1515.29.90	Żejt tal-qamħirrum (żerriegħha tal-qamħ/qamħirrum) u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf
1515.50.20	Żejt tal-ġulġlien mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1515.50.99	Żejt tal-ġulġlien u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra bħala għalf,
1515.90.70	Żejt tal-ġoġoba mhux raffinat u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra bħala għalf
1515.90.80	Żejt tal-ġoġoba u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf

1515.90.99	Żejt tal-ġoġoba u l-frazzjonijiet tiegħu, minbarra žeit mhux raffinat, minbarra frazzjonijiet solidi, minbarra bħala għalf
<b>1516</b>	<b>Xaħmijiet u żjut tal-annimali u veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parjalment jew totalment idroġenizzati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew ‘elaidinished’, kemm jekk raffinati kif ukoll jekk le, iżda mingħajr aktar tħejjija:</b>  Xaħmijiet u żjut tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra bħala għalf, estratti kollha kemm huma minn ħut jew mammali tal-baħar  Xaħmijiet u żjut tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra bħala għalf, minbarra dawk estratti kollha kemm huma minn ħut jew mammali tal-baħar  Xaħmijiet u żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, minbarra bħala għalf, minbarra žeit ir-rigħu idroġenizzat
<b>1517</b>	<b>Marġerina; taħlitiet jew tħejjijiet għall-ikel ta’ xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta’ frazzjoni ta’ xaħmijiet jew żjut differenti ta’ dan il-Kapitolu, minbarra xaħmijiet jew żjut għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516:</b>  Taħlita ta’ likwidi għall-ikel ta’ żjut veġetali, minbarra bħala għalf  Taħlitiet jew tħejjijiet għall-ikel ta’ xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta’ frazzjonijiet ta’ xaħmijiet jew żjut differenti tal-Kapitolu 15, minbarra xaħmijiet jew żjut għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 15.16, minbarra taħlita ta’ likwidi għall-ikel ta’ żjut veġetali, minbarra taħlitiet ta’ likwidi għall-ikel ta’ żjut tal-annimali u veġetali magħmulin l-aktar minn żjut veġetali, minbarra taħlitiet jew tħejjijiet għall-ikel ta’ xorta użat bħala tħejjijiet li jinqalgħu mill-forma, minbarra dawk li jkun fihom aktar minn 10%, skont il-piż, ta’ xaħmijiet tal-ħalib, minbarra bħala għalf
<b>1518</b>	<b>Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollija, ossidati, deidratati, kubritizzati, imneffha, polimerizzati bis-sħana f'vakwu jew f'gass inerti jew inkella mmodifikati kimikament, minbarra dawk li jidhru taħt l-intestatura 15.16 ; taħlit li ma jittiekkix jew preparazzjonijiet ta’ xaħmijiet jew żjut ta’ l-annimali jew veġetali u l-frazzjonijiet ta’ xaħmijiet u żjut differenti ta’ dan il-Kapitolu, mhux imsemmija jew spċifikati x'imkien ieħor</b>  Żjut tal-inxif , minbarra bħala għalf  Żejt taż-żerriegħha tal-kittien, mgħolli, minbarra bħala għalf  Xaħmijiet u żjut oħra tal-annimali u veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, mgħollijin, ossidizzati, deidroġenizzati, ittrattati bil-kubrit, minfuħin, ippolimerizzati bis-sħana f'vakum jew f'gass inert jew mod ieħor modifikati kimikament, esklużi dawk tal-intestatura 15.16; taħlitiet jew tħejjijiet mhux għall-ikel ta’ xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta’ frazzjonijiet ta’ xaħmijiet jew żjut differenti tal-Kapitolu 15, mhux spċifikati jew inklużi band’oħra, minbarra žeit ‘tung’ (tas-siġra tung, <i>Aleurites fordii</i> jew <i>Vernicia fordii</i> ) u żjut oħra simili tal-injam, žeit tal-ojticċika/konepja (pjanta <i>Licania riġida</i> ), żjut tal-inxif, žeit taż-żerriegħha tal-kittien mgħolli u linossina, minbarra bħala għalf
<b>Kapitolo 16: Tħejjijiet tal-laħam, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra</b>	
<b>1602</b>	<b>Laħam imhejjji jew ippreservat, ġewwieni u demm ta’ annimali minbarra zalzett u prodotti simili, u estratti u meraq tal-laħam:</b>  Fwied tal-wiżża u l-papra
<b>1603</b>	<b>Estratti u meraq tal-laħam, ħut jew krustaċej, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra</b>  Estratti tal-laħam tal-baliena  Estratti u meraq tal-ħut, krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra
<b>Kapitolo 17: Zokkor u ħlewwiet miz-zokkor</b>	
<b>1701</b>	<b>Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u zokkor li jixbah lil dak tal-kannamieli (‘sucrose’) kimikament pur, f’għamla solida</b>  Zokkor tal-kannamieli, li ma jkollux ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf  Zokkor tal-pitravi, li ma jkollux ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf

1701.91.90	Zokkor ieħor tal-kannamieli jew tal-pitravi u zokkor li jixbah lil dak tal-kannamieli ('sucrose') kimikament pur, mhux zokkor raffinat, li jkun fih ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf
1701.99.91	Zokkor ieħor tal-kannamieli jew tal-pitravi, minbarra zokkor mhux raffinat, u zokkor li jixbah lil dak tal-kannamieli ('sucrose') kimikament pur, li ma jkollux ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf, magħmul f'kubi jew trab
1701.99.95	Zokkor ieħor tal-kannamieli jew tal-pitravi, minbarra zokkor mhux raffinat, u zokkor li jixbah lil dak tal-kannamieli ('sucrose') kimikament pur, mhux magħmul f'kubi jew trab u li ma jkollux ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf, f'pakketti għal bejgħ bl-imnun ta' mhux aktar minn 24 kg fil-piż
1701.99.99	Zokkor ieħor tal-kannamieli jew tal-pitravi, minbarra zokkor mhux raffinat, u zokkor li jixbah lil dak tal-kannamieli ('sucrose') kimikament pur, mhux magħmul f'kubi jew trab u li ma jkollux ħwawar jew kulur miżjudin, minbarra bħala għalf, bil-massa jew f'pakketti għal bejgħ bl-ingrossa
<b>1702</b>	<b>Zokkor ieħor, inkluż lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, f'għamla solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma jkollhomx ħwawar jew kulur miżjudin, għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma' għasel naturali, karamella</b>
1702.90.40	Karamella, inkluża "karamella koloranti", minbarra bħala għalf
<b>Kapitolu 20 Tħejjija ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjanti</b>	
<b>2003</b>	<b>Faqqiegħ u tartufi, mħejjija jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku</b>
2003.20.00	Tartufi, mħejjija jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku
2003.90.09	Faqqiegħ ieħor milli faqqiegħ tal-ġenuss <i>Agaricus</i> , mhejjji jew ippreservat mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku, minbarra dak ikkultivat
<b>2005</b>	<b>Ħxejjex oħra mħejjija jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra prodotti tal-intestatura 2006</b>
2005.40.03	Piżelli ( <i>Pisum sativum</i> ), mħejjija jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra l-prodotti tal-intestatura 20.06, minbarra għal skopijiet ta' għalf
2005.91.00	Rimji tal-bambu, mħejjija jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżati
<b>2006</b>	<b>Ħxejjex, frott, ġewż, qxur ta' frott u pjanti oħra, ippreservati fiz-zokkor (bl-ilma mnejhi minnhom, glasé jew ikkristallizzati)</b>
2006.00.10	Ginger, ippreservat fiz-zokkor (bl-ilma mnejhi minnu, glasé jew ikkristallizzat)
<b>2008</b>	<b>Frott, ġewż jew partijiet oħra li jittieklu ta' pjanti mħejjijin mod ieħor jew ippreservati, kemm jekk miżjudin biz-zokkor jew b'sustanza li tagħti l-ħlewwa jew bi spirtu jew le, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra</b>
2008.19.00	Ġewż u żrieragħ oħra, minbarra ġewż mitħun, inklużi taħlitiet
ex 2008.92.09	Taħlitiet ta' frott u ġewż li ma jkollhomx ingredjenti minn Kapitoli oħra barra mill-Kapitolu 8
2008.99.02	Għanbaqar, mħejjija mod ieħor jew ippreservati
<b>2009</b>	<b>Meraq tal-frott (inkluż għeneb magħsur qabel ma jeħmer) u meraq veġetali, mhux iffermentati u li ma jkunux miżjudin bi spirtu, kemm jekk miżjudin biz-zokkor jew b'sustanza li tagħti l-ħlewwa jew le</b>
2009.11.19	Meraq tal-larinġ, iffriżat, li jkun miżjud biz-zokkor jew b'sustanza oħra ta' ħlewwa, ta' valur Brix li ma jaqbiżx 67
2009.11.99	Meraq tal-larinġ, iffriżat, li ma jkun miżjud biz-zokkor jew b'sustanza oħra ta' ħlewwa, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar, konċentrat, ta' valur Brix li ma jaqbiżx 67
2009.19.19	Meraq tal-larinġ, mhux iffriżat, li jkun miżjud biz-zokkor jew b'sustanza oħra ta' ħlewwa, ta' valur Brix li jaqbeż 67
2009.19.99	Meraq tal-larinġ, mhux iffriżat, li ma jkun miżjud biz-zokkor jew b'sustanza oħra ta' ħlewwa, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar, ta' valur Brix li jaqbeż 67

2009.31.91	Meraq ta' kull frotta waħidha taċ-ċitru mhux larinġ u meraq tal-għeneb, ta' valur Brix li ma jaqbiżx 20, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar, li jkunu miżjudin biz-zokkor
2009.39.91	Meraq ta' kull frotta waħidha taċ-ċitru mhux larinġ u meraq tal-għeneb, ta' valur Brix li jaqbeż 20, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar, li jkunu miżjudin biz-zokkor
2009.41.90	Meraq tal-ananas, ta' valur Brix li ma jaqbiżx 20, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar
2009.49.90	Meraq tal-ananas, ta' valur Brix li jaqbeż 20, minbarra dak f'kontenituri li jkunu jiżnu (bil-kontenut) 3 kg jew aktar
2009.80.94	Meraq tal-ħawħ jew meraq tal-berbuq

## 21 Tħejjijiet imħallta li jittieku

<b>2106</b>	<b>Tħejjijiet ta' ikel mhux speċifikati jew inklużi band'oħra</b>
2106.90.31	Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti

## 23 Residwi u skart mill-industriji tal-ikel; għalf tal-annimali mħejji

<b>2301</b>	Dqiq, dqiq mitħun oħxon u gerbubiet, tal-laħam jew tal-laħam ġewwieni ta' annimali, tal-ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatīci oħra, mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem; qriemeċ ta' xaħam maħlul ('greaves')
2301.20.10	Dqiq, dqiq mitħun oħxon u gerbubiet, tal-ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatīci oħra, bħala għalf
<b>2309</b>	<b>Tħejjija ta' xorta użata għall-għalf tal-annimali</b>
2309.10.11	Ikel għall-klieb imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut, li jkun fih il-laħam jew il-laħam ġewwieni ta' annimali tal-art, f'kontenituri bla arja
2309.10.12	Ikel għall-qtates imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut, li jkun fih il-laħam jew il-laħam ġewwieni ta' annimali tal-art, f'kontenituri bla arja
2309.90.11	Tħejjijiet ta' ikel għal annimali domestiċi, li jkun fihom il-laħam jew il-laħam ġewwieni ta' annimali tal-art, f'kontenituri bla arja

## **ANNESS II GĦALL-FTEHIM**

Kwoti ta' tariffi fuq importazzjonijiet fin-Norveġja ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea

Tariffa tad-dwana Norveġiża	Deskrizzjoni ta' prodotti	TRQs konsolidati (kwantità annwali f'tunnellati)	Li minnhom kwoti addizzjonali	Dazju fil- kwota (NOK/kg)
<b>0201/0202</b>	<b>Laħam tal-ifrat:</b>  0201 10 00 Karkassi u nofs karkassi ta' laħam tal-ifrat  0201 20 01 Partijiet "ikkumpensati", i.e. partijiet ta' quddiem u partijiet ta' wara tal-istess annimal ippreżentati fl-istess waqt  0201 20 02 Partijiet oħra ta' quddiem  0201 20 03 Partijiet oħra ta' wara  0201 20 04 L-hekk imsejħin "Qatgħat pistola"			
0202 10 00	Karkassi u nofs karkassi	900 <sup>(1)</sup>	900	0
0202 20 01	Partijiet "ikkumpansati", i.e. partijiet ta' quddiem and partijiet ta' wara tal-istess annimal ippreżentati fl-istess waqt			
0202 20 02	Partijiet oħra ta' quddiem			
0202 20 03	Partijiet oħra ta' wara			
